Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 – It-Tnejn 14 Novembru 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa tas-Sindki f'Malta li għaliha huwa kien preżenti. Huwa semma' li waqt din il-laqgħa ġiet diskussa d-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq peress li Malta għadha ser tiġi mplikata. Is-Sindku rrefera għall-analiżi ta' kull kunsill x'jinħtieġ bħala bozoz ġodda. Huwa semma' li għal-lokalita' ta' Għajnsielem jinħtieġ mal-€20,000 fi dwal ġodda. Il-Kunsill qabel li għalissa jimxi mal-ħtiġijiet urġenti u jagħmilhom ftit ftit. Is-Sindku semma' wkoll li waqt din il-konferneza ssemmiet ukoll is-sistema ġdida li ser tiġi ntroddotta dalwaqt dik tal-*car sharing* u *car pooling*.

3.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa u s-Segretarja kellhom ma' Transport Malta f'Malta rigward l-Award li l-Kunsill rebaħ sabiex tinxtara *electric minivan*. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-procedura tat-tendering u dwar l-ispecifications meħtieġa. Is-Sindku semma' li l-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u qed nistennew xi direttivi mingħandhom biex inkunu nistgħu noħorgu l-offerta meħtieġa.

3.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellna mal-Perit Antoine Gatt rigward il-proġett Italia-Malta. Huwa rrefera għal fatt li wara din il-laqgħa saret ħafna ħidma biex imtliet l-applikazzjoni bejn il-Kunsill t'Għajnsielem, il-Kunsill ta' Modica fi Sqallija, l-Universita' ta' Palermo u dik ta' Malta. L-applikazzjoni ser tinkludi tisbieħ ambjentali fosthom titjib fil-Wied, tħawwil ta aktar siġar u installazzjoni ta' *green roofs.* Huwa semma' li għad irridu nistennew sa xi Marzu biex inkunu nafu jekk l-applikazzjoni ġietx approvata jew le.

3.4 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-Għaqda Hbieb tal-Presepju fejn talbu s-somma ta' €500 sabiex il-Kunsill jgħin bħala sponsor fil-Wirja annwali tagħhom tal-presepji. Il-Kunsill qabel li għandu jgħinhom f'xi materjal iżda mhux li jagħti donazzjoni ta' dak l-ammonti.

**4.0 Hatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv**

4.1 Is-Sindku rrefera għall-interview li sar lill-applikanti għal dan il-post. Huwa semma' li waħda mill-applikanti Georgine Farrugia rtirat l-applikazzjoni u ma attenditx għall-interview. Huwa semma li l-Bord kien kompost mill-eks Segretarji Ezekuttivi Joe Camilleri u Dolindo Cassar, mis-Sindku Franco Ciangura, mill-kunsillier Peter Caruana u mis-Segretarja Lucienne Haber. Huwa ta' randikont tal-interview billi rrefera għall-fatt li l-applikanta Liliana Borg kellha aktar kwalifiki mill-applikanta Claire Hili, iżda minn naħa l-oħra Claire Hili kellha aktar esperjenza tax-xogħol u għalhekk x'ħin il-Bord evalwa kollox l-għażla waqgħet unanimament fuq Claire Hili li kienet impjegata bħala skrivana scale 15 mal-Kunsill tan-Nadur li ġabet 369punt/500 filwaqt li Liliana Borg ġabet 263punt/500.

4.2 Is-Sindku semma' li s-Sinjura Hili ġiet ikkuntatjata bl-għażla tagħha u biex tinforma lil Kunsill meta' hija l-aktar data qrib li tista tibda taħdem mal-Kunsill t'Għajnsielem. Huwa semma' li din l-għażla ma tantx intlaqgħet tajjeb mal-Kunsill Lokali Nadur minkejja li aħna mxejna mal-liġi u fl-ebda ħin ma saret xi rregolarita'. Sadanittant il-Kunsill Lokali Nadur bgħat lis-Sinjura Hili li l-kuntratt tagħha skada l-Gimgħa 28 t'Ottubru u b'hekk hija setgħet tibda xogħol mal-Kunsill t'Għajnsielem mit-Tnejn 31 t'Ottubru. Sar qbil li l-kuntratt ta' tlett snin li jista mbagħad jiġġedded jibda b'effett mil-31 t'Ottubru 2016.

4.3 Is-Sindku semma' li minn kemm ilha hawn is-Sinjura Hili jidher li qed tagħmel xogħolha tajjeb ħafna u li kemm is-Segretarja u l-istaff l-ieħor qed jaħdmu flimkien tajjeb ħafna.

**5.0 Jum Għajnsielem - Attivitatjiet tal-Milied**

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet konnessi mal-Ġimgħa t'Ghajnsielem u attivitajiet għal Milied.

5.2 Sar qbil li għandu jerġa jitfassal kalendarju u jkun jinkludi dawn l-attivitajiet :-

7 ta' Diċembru - Ġieħ Għajnsielem
8 ta' Diċembru - Sportsday
10 ta' Diċembru - Quddiesa u ġbir tal-Community Chest Fund f'Għawdex
11 ta' Diċembru - Inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem
14 ta' Diċembru - Harġa għal Malta/ Birgu/Mużewijiet/Pama
21 ta' Diċembru - Żjajar lill-anzjani fi djarhom
22 ta' Diċembru - Festin tal-Milied għall-anzjani
23 ta' Diċembru - Festin tal-Milied għat-tfal.

5.3 Sar qbil li għandna nerġgu nniedu l-kompetizzjonijiet tal-isbaħ tieqa bil-bambin u l-isbaħ presepju kif ukoll dik tal-isbaħ kartolina tal-Milied għat-tfal. Sar qbil li għandna nipprintjaw il-kartolini rebbieħa u jitqassmu f'kull residenza t'Għajnsielem.

5.4 Is-Sindku propona li bħala attrazzjoni ġdida tal-Milied għandha nibnu *reindeer sleigh* tal-injam fil-Pjazza tad-Dehra ħdejn il-bridge u tkun akkumpanjata minn persunaġġ liebes ta' Father Christmas u t-tfal ikunu jistgħu jieħdu r-ritratti miegħu. Sar qbil li għandna nsemmu din l-attivita' bħala "A selfie with Santa".

5.5 Sar qbil ukoll li għandna nlestu l-proġett tal-Frame u l-Frame inżejnuh għall-festi tal-Milied.

## 6.0 Ġieh Għajnsielem

6.1 Is-Sindku propona li bħala Ġiet Għajnsielem jixtieq li jtiħ dominazzjoni differenti. Huwa propona li jinfetħu n-nominazzjonijiet għall-pubbliku u jiġu evalwati minn Bord tal-Għażla li jkun xieraq li jkun kompost minn eks rebbieħa ta' Ġieħ Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta imma sar qbil li għal din is-sena ma fadalx żmien biżżejjed biex isir dan.

6.2 Is-Sindku għalhekk propona li xħin qagħad jevalwa ħass li l-għażla tiegħu din is-sena għandha taqa' fuq Joanne Debrincat li taħdem u tistinka ħafna għal Għajnsielem u kienet hi l-persuna li waqqfet l-Għaqda Drammatika. Il-Kunsilliera lkoll qablu ma din in-nomina u li kienet l-istess persuna li huma lkoll kellhom f'moħħhom.

6.3 Is-Sindku semma' wkoll li tkun ħaġa sabiħa li minbarra Ġieħ Għajnsielem jingħataw xi rikonoxximenti matul is-sena lil dawk il-persuni minn Għajnsielem li jkunu spikkaw f'xi qasam, anke fil-volontarjat. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u li għandha tiġi diskussa xi żmien qabel Ġieħ Għajnsielem tas-sena 2017.

## 7.0 Għażla stima tad-dwal tal-Milied

7.1 Is-Segretarja semmiet li l-istima ġiet ippubblikata online u ser tagħlaq nhar it-22 ta' Novembru. Sar qbil li bħala *opening* staff japponta lill-kunsilliera Karen

Xuereb u lill-kunsillier Larry Buttiġieġ. Sar qbil li bħala membri tal-bord tal-Evalwazzjoni għandhom ikunu is-Sindku Franco Ciangura, is-Segretarja Lucienne Haber u s-Sur Joseph Ciantar.

**8.0 Bethlehem f'Għajnsielem**

8.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li ntbagħtet lill-Comune ta' Revine Lago, lill-Comune ta' Tolfa, lill-Comune ta' Greccio u lill-Kunsill ta' Obermarregau rigward il-Migja tal-Magi u kuntatti ta' ħbiberija magħhom. Is-Sindku rrefera għal fatt li rċevejna risposta mingħand Revine Lago u mingħand Tolfa li ser jibgħatu delegazzjoni minn tagħhom iżda huwa esprima d-diżappunt tiegħu li dawn ma mxewx mal-oġġettiv ta' din iż-żjara li jiġu weekend biex huma wkoll jilbsu ta' personaġġi għax il-ħinijiet u l-ġranet li għażlu ma humiex jer jkopru l-*weekend* sħih.

8.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-kuntatti li kellu wkoll ma' grupp ta' *re-enactment* tas-Suldati Rumani għall-attrazzjoni ta' Chambray. Huwa semma' wkoll li sadanittant kkuntatja l-għaqda għawdxija tad-Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira u dawn urew ħafna nteress li jipparteċipaw anke bħala personaġġi f'kull ġurnata li jiftaħ Bethlehem f'Għajnsielem. Saret diskussjoni wkoll dwar jekk hux meħtieġ li nerġgħu nġibu grupp ta' Securities meta' dan jistgħu jagħmluh dan il-grupp ta' personaġġi stess. Għalhekk sar qbil li għandna nistħarrġu l-ispejjes involuti u wara nikkunsidraw l-aħjar soluzzjoni vijabbli.

8.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-idea li ħarġet li jitwessa permezz ta' injam il-passaġġ li hemm fl-entratura minn Triq Mgarr. Huwa semma li jekk dan il-passaġġ jiġi miksi b'fallakki tal-injam jiġi attrazzjoni oħra għax jitqies bħala *bridge* ieħor. Inġabru xi stimi mingħand xi suppliers tal-injam fosthom mingħand Joseph Caruana Ltd u minghand Francis Caruana Ltd u l-orħos irrizultat mingħand Woodlab għall-prezz ta' €7.40 kull fallakka li bejn wieħed u ieħro ser jammonta għall €740. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din l-għażla.

8.4 Is-Sindku rrefera għall-fatt li ser jinġab persuna minn Malta li jipprattika s-sengħa tal-pasturi antiki. Huwa ser ikollu *'hut'* għalih u jkun jista jbiegħ il-prodotti tiegħu minn hemm.

**9.0 Kampanja ta' tindif**

9.1 Is-Sindku rrefera għal kampanja ta' tindif li nieda l-Kunsill. Huwa rrefera għas-signs ta' ndafa bħalma huma dawk ta' ġbir tal-iskart, *do not litter* u dwar l-indafa wara l-klieb. Is-Sindku espona draft tat-tabelli kif ser jiġu u l-Kunsill qabel mal-*artwork* provdut u li jagħmel kampanja ta' tabelli u *awareness* b'logo komuni.

## 10.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

10.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-kontijiet ġew approvati.

## 11.0 Materji oħra

11.1 Il-Kunsill qabel li minħabba ħtiġijiet ta' manuvrar b'apparat għal Bethlehem f'Għajnsielem, għandu jixtri vann/karozza qadima għax jaqbillu jagħmel dan milli jikri waħda. Sar qbil li bħala budget nimxu mal-€500.

11.2 Ġie diskuss l-pjan ta' *fishbone parking bays* ħdejn tal-Forn fi Pjazza Madonna ta' Loretu. Is-Segretarja rreferiet għal fatt li ġie s-*surveyor* u ra li ż-żewġ parkeġġi tat-tarf iridu jitneħħew peress li nbena post ġdid u quddiemhom ġie garage. Sar qbil li waħda mill-parkeġġ titneħħa kompletament u l-*parking bay* tal-*Loading* u l-*Unloading* tiġi fil-ħames kaxxa.

11.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex tiġi *shifted* bozza fi Triq Patri Anton Marija Cesal. Sar qbil li sabiex ma nidħlux fi spejjes ta' *shifting* ta' bozza oħra jkun jaqbel li nagħmlu bozza oħra ġdida b'hekk inkunu nkorporajna t-talba ta' tlett bozziet f'din it-triq.

11.4 Ġiet trattata l-lista ta' *customer care* fosthom it-talba mingħand Jezebel Xuereb biex nagħmlu Slow Signs fi Triq Cordina. Sar qbil li għandna nagħmlu signs aktar 'l fuq. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-diversi *complaints* li għamel is-Sur Ray Bondin fuq dan ir-rigward. Sar qbil li s-Segretarja għandha tikkuntatjah biex tara eżattament għal fejn qed jirreferi u jitressaq dan l-ilment ma' Transport Malta.

11.5 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Rachael Gregori sabiex bankina faċċata tal-garaxx tar-residenza Carob Mansion, Triq il-Gudja, issir rampa. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt x'inhu meħtieġ li jsir.

11.6 Ġiet trattata t-talba mingħand Louise Pace sabiex issir bozza ġdida faċċata ta' 65 Triq Garden. Sar qbil din it-talba għandha tiżdied mal-lista pendenti.

11.7 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Michael Spiteri għal bozz ġdida Triq Dun Speditu Tabone. Sar qbil din it-talba għandha tiżdied mal-lista pendenti tat-talbiet ta' lampi ġodda.

11.8 Saret referenza għat-talba mingħand Ruth Xerri sabiex terġa teħel mera li kien Hemm faccata ta' Attard Ironmongery u wkoll talbet sabiex issir mera ġdida fi Triq l-Imgarr faċċata ta' Triq il-Mogħdija. Sar qbil li l-mera li nqalgħet għandha terġa ssir u rigward ta' Triq l-Imgarr għadna niċċekjaw fejn hu meħtieġ li teħel eżatt.

11.9 Saret referenza għat-talba mressqa minn Leli Vella rigward ilma tal-ħasil li qed jinżel għal Triq Kemuna u qed jidħollu l-ilma fil-garaxx.

11.10 Ġiet trattata it-talba mingħand Anthony Tabone biex fi Triq Sant'Antnin 'il fuq mill-Knisja jeħlu tabelli li hemm il-qanfud jaqsam peress li qed jinqatlu. Sar qbil li għandha ssir din it-tabella.

11.11 Ġiet trattata t-talba mingħand Maryrose Buttigieg ta' Edmar, Triq il-Ġnien biex tinqala' l-bankina tagħha u ssir mill-ġdid. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt x'jinħtieg li jsir.

11.12 Saret referenza wkoll għat-talba mressqa mingħand Nazju Pace sabiex teħel it-tieni bozza li kien talab fi Triq tal-Heliport. Il-Kunsill qabel li s'issa għamillu waħda biex ikun moqdi iżda peress li hemm lista twila ta' lampi pendenti, mhux f'pożizzjoni li jilqa' t-talba tiegħu għalissa.

11.13 Ġiet trattata t-talba mingħand Antonia Azzopardi sabiex isir double yellow lines faċċata tar-residenza tagħha fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Sar qbil li għandna niċċekjaw fejn jiġu eżatt.

11.14 Talba oħra tressqet mingħand Anna Grima ta' Triq Cordina sabiex siġra li tinsab fi Triq Cordina tiddawwar b'ċinta tal-injam biex ma jaqbżux il-klieb u jħammġu ġo fiha. Sar qbil li dan l-injam għandu jsir u fl-istess ħin nagħtu *facelift* lil din l-*area.*

11.15 Talba oħra tressqet mingħand Paul Grima sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Cordina. Sar qbil li għandha titranġa kif meħtieġ.

11.16 Ġiet trattata t-talba sabiex tiġi xxifjata lampa minn fuq il-ħajt għal fuq pole eżistenti fi Triq Cordina. Il-Kunsill approva din it-talba.

11.17 Il-Viċi Sindku rrefera għad-diversi kazijiet ta' serq li ġew irrekordjati dan l-aħħar f'Għajnsielem u għall-ħtieġa li nintroduċu u n-*neighbourhood watch* mal-ġirien u l-Kunsill jkompli jagħmel is-sehem tiegħu anke b'aktar installazzjoni ta' cameras fi pjazzez u ċerti postijiet.

11.18 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab ukoll sabiex issir camera fuq l-area Ta' Passi.

11.19 Ġiet trattat l-ilment rigward pots fi Triq il-Ġnien kantuniera ma' Triq Bengħazi li qed jostakolaw l-aċċess fuq il-bankina u meta tkun ix-xita wieħed ikollu jimxi fl-ilma tat-triq.

11.20 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-estenzjoni li saret f'kamra f'għalqa f'Ta' Lourdes u jekk kienx hemm applikazzjoni tal-MEPA dwarha. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwarha.

11.21 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-ilment li wasallu rigward ilma tax-xita li qed iżomm quddiem residenza fi sqaq fi Triq l-Imgarr, ħdejn l-ispiżerija. Din jinħtieġ tissewwa bi ftit *cement.*

11.22 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellu ma uffiċjal tal-MTA kif ukoll ma' diretturi ta' film mis-South Korea li huma nteressati li jiffilmjaw biċċa film f'Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa semma' li l-ufficjal tal-MTA ghandu kuntatti tajbin ma' pajjiż fi Spanja fejn jaghmlu l-festa tal-Maġi. Sar qbil li għandha tinżamm laqgħħa ma' dan l-uffiċjal biex inkunu nistgħu nibdew xi relazzjonijiet għal preparamenti tal-Migja tal-Magi ghas-sena li ġejja.

11.23 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li fil-Pjazza l-Qadima, quddiem il-ħanut ta' Rosie u l-ħanut The Parlour kien hemm railing li nqalgħet fil-festa li għaddiet u baqgħet ma twaħħlitx. Huwa rrefera għall-inċident li kemm xi ftit jiem ilu fejn anzjan waqa fil-post. Huwa saħaq li dan ir-railing għandu jerġa jeħel kemm jista jkun malajr.

11.24 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-ħmieġ u dumping li hemm fit-telgħa ta' Lourdes. Is-Sindku fisser li dan id-dumping huwa perikoluz biex ittellgħu u huwa fil-fatt ikkunttatja lill-ERRC jekk jistgħux inaddfuh permezz ta' upsailing.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 ta' filgħaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru fit-3:30 ta' wara nofsinhar.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**